MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Numru. 500/2000

**Il-Pulizija**

**(Supt Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Carmelo sive Charles Butler**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 130863 (L);

Akkuzat talli fil-Gudja f'xi hin bejn id-9.00pm tat-3 ta' Marzu 1997 u is-7.10pm tal-4 ta' Marzu 1997, kkommetta serq ta' diversi oggetti u flus mill-fond sitwat fi 3, Triq Hal Tarxien, Gudja, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz u valur jiskorri l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Schembri u ibnu John Schembri minn Hal Tarxien, kif ukoll ghad-detriment ta' l-eredi ta' Emanuel Schembri u jew l-aventi kawza taghhom, kif ukoll persuni ohra.

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta' Awwissu 1997 u matul ix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat ew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti gejin minn serq kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija.

U kif ukoll talli fl-istess data  u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer sar ricediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti dwar il-htija jew in-nuqqas taghha.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaza tieghu tinstema' sommarjament u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkonsidrat

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputat huwa akkuzat b'serq aggravat bil-mezz, valur, hin u ricettazzjoni.  Huwa ben risaput li r-reat ta' serq u ricettazzjoni huma in alternattiva ghal xulxin.

Il-kawza damet dan iz-zmien kollu stante li ghamlet snin 'sine die'.  Meta eventawlment tpoggiet fuq il-lista f'wahda mill-ewwel udjenzi, l-imputat rregistra ammissjoni u insista fuqha anke wara li l-qorti taghtu hin biex jirrikonsidra.

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, l-Qorti qeghda ssib u tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni li hija wkoll sufragata mill-provi.

Tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 kontra l-imputat ghal perjodu ta' sentejn millum

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------